# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 222 :: NOVEMBRU, 2014



***Editur: Paul Vella***

paul.vella44@gmail.com


# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-**Grupp Letteratura Maltija Ink.** sejra tinżamm

**fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkville,**

**nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2014, fis-7.30 pm**.

Dak inhar issir elezzjoni għal kumitat ġdid. Kull membru jista' joħroġ għal xi pożizzjoni fuq il-kumitat jew jinnomina lil xi ħadd.

Dawk li huma membri finanzjarji biss jistgħu jattendu għal din il-laqgħa u jivvutaw.

***Nisperaw li kulħadd jattendi.***

## L-ISTORJA TAL-INNU MALTI — *Kif sar u xi jfisser*




"Il-qawmien fi żmien il-Franċiżi, l-influwenza tar-Risorġiment Taljan, il-Kwistjoni tal-Lingwa, ir-rebħa tal-Malti bħala l-lingwa nazzjonali, it-twaqqif tal-blokki politiċi, l-irvell tas-Sette Giugno 1919, l-ewwel Parlament fl-1921: dan hu l-isfond ta' dan ir-rakkont dwar kif sar u xi jfisser l-Innu Nazzjonali ta' kolonja fil-mixja lejn is-sovranità. Fis-sena 1922, is-sena tal-ewwel Festa Nazzjonali u tal-ewwel preżentazzjoni tal-Innu Malti, il-Maltin affermaw formalment in-nazzjonalità tagħhom.

Din ir-riċerka turi li l-Innu Malti, waqt li hu l-prodott ta' ftit individwi, hu dokument ta' fażi storika u espressjoni tal-identità tipika ta' poplu sħiħ. Il-motiv mużikali tat-Tabib Robert Samut, il-versi ta' Dun Karm, l-armonizzazzjoni ta' Mro Paul Nani, l-adattament għall-banda ta' Mro Vincenzo Ciappara, u l-ħila organizzattiva ta' Dr Albert V. Laferla: l-Innu hu mument ġdid, dejjem fl-isfond tal-konfront qawwi bejn il-partiti.

L-Ewwel Taqsima tal-ktieb tirrakkonta kif l-Innu Malti sar u wasal sar-rikonoxximent kostituzzjonali (1922, 1941, 1964). It-Tieni Taqsima hi analiżi kelma b'kelma tal-versi tal-Innu. F'sitt versi biss hemm il-qofol tal-karattru Malti: Twemmin f'Alla, Lingwa Semitika, Kultura Ewropea. L-istil u l-kontenut tal-Innu jirriflettu l-fatti tal-Istorja. Iż-żewġ Taqsimiet jifformaw konklużjoni waħda.

L-Innu jiftiehem f'kuntest politiku. Dun Karm kiteb li ma kienx partitarju ta' Gerald Strickland meta kiteb bil-Malti, u ma kienx partitarju ta' Nerik Mizzi meta kiteb bit-Taljan. Kien jibża' mill-kulur tal-partiti. Imma wieħed mill-inċidenti kurjużi f'dan ir-rakkont hu l-fatt li hu sab ruħu jikteb appelli nazzjonali għall-Prim Ministru…"

*OLIVER FRIGGIERI hu l-awtur ta' ħafna kotba (kritika, poeżiji, rumanzi, novelli). Aktar minn sittin ktieb tiegħu ġew maqlubin f'diversi lingwi u ġew ippubblikati f'pajjiżi barranin. Awtur ta' bosta studji ppubblikati f'rivisti akkademiċi internazzjonali. Indirizza madwar sebgħin kungress fi bliet Ewropej. Professur tal-Letteratura fl-Università. Jikteb bil-Malti, bit-Taljan u bl-Ingliż.*

***(Grazzi lil Joe Borg, Segetarju tal-Akkademja tal-Malti għal dan it-tagħrif)***

## L-INNU MALTI FL-ISKEJJEL

Waqt lejla li saret f'ġieħ Dun Karm, il-President Marie-Louise Coleiro Preca rrimarkat kemm hawn studenti li ma jafux l-Innu Malti. Il-President faħħret lill-Akkademja tal-Malti u lill-Ministeru tal-Edukazzjoni li ħasbu biex jistampaw kartelluni bl-Innu Malti biex jitqassmu fl-iskejjel primarji u sekondarji kollha. Il-President qalet li tittama li l-iskejjel li mhumiex ikantaw l-Innu Malti jerġgħu jibdew ikantawh. Il-Lejla f'ġieħ Dun Karm saret il-Palazz ta' Sant Anton nhar it-23 ta' Ottubru 2014 u kienet organizzata bejn il-Kumitat Festi Nazzjonali u l-Akkademja tal-Malti.

# JUM DUN KARM



Ottubru huwa marbut mat-twelid u l-mewt tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm. Huwa twieled f'Ħaż-Żebbug fit-18 ta' Ottubru 1871 u miet fit-13 tal-istess xahar disgħin sena wara. Fis-17 ta' Ottubru id-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-Kumitat Festi Nazzjonali tellgħu ċeremonja għat-tfal tal-iskejjel li tfakkar lil dan il-poeta kbir Malti. Iċ-ċeremonja saret maġenb il-monument tiegħu fil-Furjana.
L-għodwa bdiet b'korteo mill-Iskola Primarja tal-Furjana fl-10 ta' filgħodu. Il-korteo mar sal-mafkar, u hemmhekk bdiet iċ-ċeremonja fejn sar qari ta' poeżiji mill-istudenti u tqegħid ta' fjuri mal-monument. Saru diskorsi mill-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, Evarist Bartolo, u mid-Direttur Ġenerali għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni, is-Sur Ian Mifsud. Il-kantanta Doreen Galea kantat xi poeżiji ta' Dun Karm, bil-mużika oriġinali tal-kompożitur Dominic Galea.
Fl-istess perjodu l-Kumitat Festi Nazzjonali kompla jfakkar lill-Poeta Nazzjonali b' diversi attivitajiet oħra.
Nhar il-Ħamis 23 ta' Ottubru, 2014 fil-Palazz ta' Sant'Anton, Ħ'Attard, saret serata kommemorattiva fis-7 ta' filgħaxija organizzata mill-Kumitat Festi Nazzjonali u l-Akkademja tal-Malti. F'din is-serata sar diskors tal-okkażjoni mill-poeta Achille Mizzi li tkellem dwar il-Poeżija Maltija wara Dun Karm. Il-Prof. Oliver Friggieri tkellem dwar is-sinifikat tal-versi tal-Innu Nazzjonali fi żmienna. Fl-istess serata ħadu sehem ukoll il-kor Għawdxi "Chorus Urbanus" taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea u kien hemm qari ta' poeżiji ta' Dun Karm.
Attività oħra saret fis-Sala tal-Ministeru t'Għawdex nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru fis-7 ta' filgħaxija bl-inizjattiva tal-Kumitat Festi Nazzjonali b'sinerġija mal-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali t'Għawdex flimkien mal-Akkademja tal-Malti.

# "JUTTA HEIM" – *Rumanz ġdid ta' Immanuel Mifsud*




"F'jum minnhom f'Marzu 1980, fil-ħanut tal-kafè fejn taħdem, jitfaċċa raġel barrani u jordna tazza meraq tal-larinġ. Filgħaxija dan ir-raġel barrani jidħol fl-appartament ta' Jutta Heim u joħroġ l-għada filgħodu. F'dik l-għodwa, fil-ħanut tal-kafè fejn taħdem Jutta Heim, jerġa' jidħol ir-raġel il-barrani. Jidħol raġel ieħor liebes il-griż, pariġġ il-lewn ta' Alexanderplatz fejn jinsab il-ħanut. Dakinhar filgħaxija l-barrani u r-raġel liebes il-griż jaqsmu l-pjazza. Anki Jutta Heim, li mbagħad tisparixxi."
Nhar il-Ħamis, 30 ta' Ottubru, il-pubblikaturi Klabb Kotba Maltin, niedew ir-rumanz il-ġdid ta' Immanuel Mifsud, "Jutta Heim". It-tnedija saret għand Ċettina (Triq il-Merkanti, il-Belt) fis-7.00pm.
Dakinhar inqraw partijiet qosra mir-rumanz u saret intervista mill-blogger Mel Hart (http://melahart.com/).

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP
*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# ŻEWĠ KOTBA ĠODDA TA’ KARMENU MALLIA

***Għadhom kemm ħarġu żewġ kotba ġodda tal-kittieb Malti, Karmenu Mallia (DOM Communications Ltd).***



L-ewwel ktieb jismu **POE**, ġabra ta' poeżiji b'ħames lingwi: Esperanto, Franċiż, Ingliż, Malti, Taljan, bħala tifkira ta' erba’ kommemorazzjonijiet iċċelebrati dis-sena, jiġifieri:l-Indipendenza (50 sena), ir-Repubblika(40 sena), l-Għaqda fl-Unjoni Ewropea (10 snin), Il-Ħelsien (35 sena).
It-temi tal-poeżiji huma varji. Il-ktieb fih 127 paġna u ppubblikat minn Dom Communications Ltd.
Bħala introduzzjoni Mallia ġabar x'jgħidu xi awturi u filosfi fuq x'inhi l-poeżija bit-titlu: "Poetry? What is it?"
Il-qoxra ta' barra turi ritratt tal-awtur.
Mallia hu awtur ta' diversi ġabriet ta' poeżija b'diversi lingwi u rebaħ diversi premjijiet f'konkorsi kemm Malta kif ukoll barra.




It-tieni ktieb hu r-rumanz **GLORJANA** ta' 202 paġna ppubblikat minn Dom ukoll.
L-istorja teħodna fi gżira bl-isem ta' Maltanova fejn fil-Parlament Pele', il-kap tal-Partit tal-Ħodor, ippropona l-bini ta' belt ġdida li semmewha 'Glorjana'. Mal-belt kellhom jibnu wkoll knisja, imma tgerfxu lil liema qaddis kienu se jiddedikawha. Fl-aħħar rebaħ San Sebastjan. Il-kelb 'Baqqu' kellu x'jagħmel sew fil-Parlament. Il-ħolma ta' Pele' bagħtitu Franza biex jgħin lill-patrijiet Sebasti fl-għajnuna tax-xjuħ u l-morda.
Dan hu l-ħames rumanz ta' Mallia wara t-Triloġija u Biża' u Kuraġġ ippubblikati mill-BDL. Mallia għandu wkoll rumanz bl-Esperanto ppubblikat snin ilu.Hu artikolista kemm fuq gazzetta Maltija kif ukoll fuq rivista barra bl-Esperanto.
Dar-rumanz Mallia kitbu biex jibbilanċja r-rumanz l-ieħor tiegħu: 'Il-Baruni ta' Ħal Qormi' li jitkellem fuq il-parti l-oħra l-antika ta' Ħal Qormi meta l-parroċċa ta' San Sebastjan kienet għadha ma teżistix.

# STAMPAKELMA

## *— Ġabra ta’ ’l fuq minn elf stampa u elf kelma*



Nhar il-Ġimgħa, 31 ta’ Ottubru, 2014, saret it-tnedija ta’ “Stampakelma”, ġabra ta’ ‘l fuq minn elf stampa u elf kelma, kliem u illustrazzjonijiet ta’ Trevor Zahra, Merlin Publishers (www.merlinpublishers.com)
Din it-tnedija saret fil-Malta Society of Arts, Palazzo De La Salle, 219 Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, fis-7.30 pm.

## *Ittri li nirċievu...*

Għażiż Paul, Irċevejt il-Folju Grupp Letteratura Maltija t’Ottubru 2014 u tgħaxxaqt naqra fuq il-ħidma siewja u kbira li qed issir minnkom biex ilsienna jibqa’ mkebbes, ħaj u rebbieħ f’kontinent hekk kbir bħall-Awstralja. Prosit u niżżikom ħajr.

*— **Mario Griscti.***

Għażiż Paul, Prosit tassew għall-aħħar ħarġa tal-folju. Nieħu pjaċir naqra fuq il-ħidma tagħkom tant 'il bogħod minn hawn, ħidma li inti qiegħed tiddokumentaha regolarment. Inselli għalikom ħafna. Nirrigrazzjak ħafna wkoll.

*— **Prof. Oliver Friggieri***

Għażiż Paul, Grazzi ħafna tal-Folju li bħassoltu, ħadt gost naqrah ħafna speċalment ir-rapport dwar il-Programm Muziko-Letterarju.
Prosit lilek u lil kull min ħadem minn wara l-kwinti għas-suċċess ta' dal-Programm importanti fil-kalendarju tal-Għaqda tagħna. Tislijiet sinċiera,

*— **Nazzarene Zerafa (Queensland)***

Għażiż ħabib Paul, Nirringrazzjak illi regolarment tgħaddili kopja tal-folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria. Iġibli memorji tant sbieħ taż-żmien li għaddejt fostkom għal kważi 4 snin. Komplu żommu l-lingwa Maltija ħajja fil-Victoria. Dan mhux għalikom biss tkunu qed tagħmluh imma għal pajjiżna u għall-ġenerazzjonijiet ta’ warajna. Inselli għall-membri kollha tal-GLM. Saħħiet minn Malta.

*— **Charles Mifsud,***
***eks Konslu Ġenerali ta’ Malta fil-Victoria***

Paul, Nirringrazzjak minn qiegħ qalbi tal-folju li bgħattli. Prosit u komplu oħorġuh għaliex veru jservi ta’ ħolqa bejn il-komunitajiet Maltin.
Tislijiet minn Kanberra,

*— **Joseph Pirotta***
***Deputy High Commissioner***